CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IS-SEBA'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 62

L- Erbgħa, 14 ta' Marzu 2018

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fid- 3.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Joseph Debono– Viċi Sindku
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fl-4.15pm.

**62.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

62.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurma lill-Kunsill li rċieva notifikazzjoni mill-Viċi Sindku, Joe Debono u l-Kunsillier Alfred Barbaro Sant fejn infurmaw lill-Kunsill li jinsabu indisposti. Il-Kunsill laqa' t-talba tagħhom u ġew skuzati

**62.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

62.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal-Wieħed u Sittin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

62.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**62.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

62.3.1 Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li nhar il-Ħamis 22 ta'Marzu 2018 ser ikun hemm press conference tal-Marigold Foundation ġewwa l-Casino Notabile.

62.3.2 Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li ġew ordnati il-bins tas-sigaretti u ser jiġu nstallati tmienja ġodda.

62.3.3 Is-Sindku ppropna li għandhom jizdiedu l-parking slots għar-residenti fil-parking area tas-Saqqajja u talab lis-SE biex jikteb lil Transport Malta għal permessi meħtieġa.

62.3.4 Is-Sindku rċieva ittra formali mingħand il-Kapitlu tal-Kattidral rigward it-tajr tad-Drones fuq l-Mdina li jittajru f'ħinijiet suspettuzi u li għandu jsir xi ħaġa fuq dan. Il-Kunsill iddeċieda li jikteb formalment lid-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar il-possibilita' li tiġi ntrodotta By-Law fuq dawn id-drones għaliex jidher li fl-Ewropa ma tezisti ebda liġi li tirregolarizza dan u għalhekk ma tistax ma jistax isir infurzar

62.3.5 Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li l-By-Law li tirrregolarizza t-tqegħid ta' għamara ġewwa l-Mdina ġiet approvata mill-Ministru.

62.3.6 Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li l-kuntratt tal-Urban Greening ġie ffirmat fil-prezenza tal-Ministru Jose' Herrera għal ħarsien tal-Ambjent.

62.3.7 Is-Sindku talab li jiġi ordnat minn barra *manhole hydraulic lifter* għaliex hemm il-ħtieġa ta' lifter ieħor minbarra li hemm. Il-Kunsill approva.

62.3.8 Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li waqt il-laqgħa tar-Reġjun ġie deċiz li fond ta' € 5000 għal attivitajiet kulturali jitqassam ekwament bejn il-Kunsilli kollha u ser ningħataw is-somma ta' € 400 kull wieħed.

**62.4 Laqgħa mar-Rapprezentanti ta' Valletta 2018.**

62.4.1 Waqt din il-laqgħa l-Kunsill approva li f'Lulju li ġej tittella' attivita' ġewwa l-Mdina b'rabta mas-sena kulturali Valletta 2018. Dettaji jingħataw aktar tard.

**62.5 Ingaġġ ta' Skrivan Part-Time**

62.5.1 Is-Segretarju Ezekutiiv nfurma lill-Kunsill li wara li nħarġet sejħa għal skrivan part-time mal-Kunsill, kull ma applikaw mill-Jobsplus kienu tlieta li waħda minnhom mhix intitolata għaliex qed tfittex summer job.

62.5.2 Il- Kunsill iddeċieda li jagħmel l-interviews nhar is-Sibt 7 ta' April 2018.

**62.6 Medieval Mdina 2018**

62.6. Is-Segretarju Ezekuttiv ta update ta' fiex waslu l-preparamenti għal Medieval Mdina 2018

**62.7 Kunsiderazzjoni u l-Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

62.7.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tal-14 ta' Marzu 2018(mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 23,931.46

62.7.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera Maryann Sultana li kienet issekondata mill-Kunsilliera Camille Scerri. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata miz-żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**62.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

62.8.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fl-4.32pm u ġiet aġġornata għal 11 ta' April 2018 fit-3pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | ____________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data: 11-04-2018_______